KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 03/K6/2009 |
| Data: | It-Tlieta, 25 ta' Awwissu 2009 |
| Post: | Ufficcju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 6.05 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sindku : | Sur Clifton Grima |
| | Il-Vici Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Abela<br>Sur Emanuel Brincat<br>Dott. Carmelo Grima<br>Sur Matthew Agius<br>Sur Charles Selvaggi |
| | Is-Segretarju Ezekuttiv: | Sur Matthew Dimech |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat nhar il-Ħamis, 20 ta' Awissu, 2009. L-Aġenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 02/K6/2009.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Stallazjoni ta' *Speed Camera* fil-lokal.
5. Laqgħa mal-Onorevoli Dott. Chris Said.
6. *Resurfacing* fi Sqaq Casolani, Sqaq St. Venera u Triq il-Ġdida.
7. *Embellishement* fil-ġnien fejn il-Klabb tal-Boċċi.
8. Gnien fi Triq l-Irmiġġ.
9. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet
10. Purchase Request Sheet.
11. Affarijiet oħra jekk urġenti.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Seduta Nru 03/K6/2009

## Punt 1 Approvazjoni tal-Minuti tas-Seduta 02/K6/2009

032. Is-Sindku ressaq il-minuti 02/K6/2009 bħala moqrija.

033. Dwar minuta 018, M Baldacchino qalet li l-Kunsill kien qabel li jkun hemm ukoll żewġ mobile toilets, u garanzija ta' €233.

034. Dwar minuta 019, M Baldacchino qalet li t-triq li hi irriferiet għaliha ma hix Triq Carmelo Zammit imma Triq Regjonali.

035. C Selvaggi qal li għanda tiżdied minuta 031(b), liema minuta tgħid "Biex il-ġbir ta' skart fi Triq Antonio Bosio isir aħjar, u ma jitħalla l-ebda ħmieġ wara t-trakk". C Selvaggi qal li għanda tiżdied minuta oħra, b'riferenza 030(c), liema minuta tgħid "Meta il-Kunsill jitlob kwotazjonijiet, għandu l-ewwel ifittex kwotazjonijiet min Misidjani".

036. M Agius qal li f'minuta 026 għandu jiżdied il-kliem "u laqgħat", sabiex il-minuta tiġi taqra "M Agius qal li l-avviżi tal-attivitajiet u laqgħat għandhom jintbgħatu sew qabel, sabiex il-Kunsilliera jkunu jistgħu iqassmu il-ħin għax-xogħol tal-Kunsill."

037. Dwar minuta 018, M Agius qal li l-Kunsill kien qabel li tingħata kundizjoni oħra, liema kundizjoni hija dik li ma jinkisirx l-ordni pubbliku.

038. Is-Sindku ressaq il-minuti għall-approvazjoni. Dr Grima ssekonda. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## Punt 2 Materji mill-Minuti

039. E Brincat saqsa jekk it-tabelli msemmija f'minuta 015 tneħħewx. Is-Segretarju wieġeb fil-pożittiv.

040. M Baldacchino saqsiet jekk saritx il-laqgħa mal-ħwienet ta' Triq Prinċipessa Margerita hekk kif msemmi f'minuta 012. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv u qal li din il-materja ser tiġi diskussa fil-punt tal-korrispondenza.

041 (a). Dwar minuta 018, Dr Grima qal li kien hemm *mobile toilet* wieħed biss u mhux tnejn hekk kif mniżżel fil-kundizjonijiet tal-permess. Is-Sindku qal li hu u E Brincat marru jivverifikaw fis-1.45pm jekk l-applikant bediex iżomm mal-kundizjonijiet tal-permess. Huma kellmu lill-barman u dan żarma fil-pront l-imwejjed li kellu fi Triq il-Knisja. Is-Sindku kompla billi informa lill-Kunsilliera li l-bar kien armat fi Triq il-Knisja kantuniera ma' Rue D'Argens. M Agius qal li wara l-attivita' ma sarx tindif u fis-sitta ta' filgħaxija kien għad hemm il-boroż taż-żibel fit-triq.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

041 (b). Is-Sindku qara korrispondenza numru 1319, miktuba mill-Kappilan tal-Paroċċa dwar il-permess ta' bar mill-Msida St. Joseph F.C. Il-Kunsill, filwaqt li iddiskuta l-ittra tal-Kappillan, qabel li l-Kappillan stess għandu jiġi infurmat li meta jgħamel attivita' huwa stess, dan għandu jitlob għal permessi neċessarji mill-Kunsill Lokali.

042. Is-Sindku qara ittra numru 1457, fejn il-Kumitat tal-Għaqda Melita Banda San Gużepp irringrazzja lill-Kunsill Lokali tal-għajnuna mgħotija fi żmien il-festa.

043. Dwar minuta 012, is-Sindku qara korrispondenza numru 1520, fejn l-ADT qed tinforma lill-Kunsill Lokali li l-applikazjoni għall-implimentazjoni ta' sistema ta' *timed parking* qed tiġi temporanjament sospiża, peress li terzi qed jikkontestaw il-legalita' ta' din is-sistema. Il-Kunsill qabel li r-residenti jiġu infurmati bil-miktub dwar din il-materja.

Punt 3 Korrispondenza

044. 1332 – Is-Segretarju spjega *pilot project* imniedi permezz tal-kumpanija GreenMT, sussidjarja tal-GRTU, sabiex jiżdied is-servizz ta' ġbir ta' skart separat permezz ta' *bring in sites* ġodda. Jekk jingħata dan is-servizz, il-Kunsill jibda jingħata fondi ta' kull tunnellata skart separat żejjed li jibda jiġbor. Il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera jinfurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv fejn jixtiequ jpoġġu l-bring in sites sa ġimgħa oħra. Jekk is-Segretarju ma jirċievi xejn, dan għandu jiddeċidi huwa stess.

045. 1461 – Is-Sindku qara l-ittra, fejn il-Komunita Armena Maltija qiegħda titlob li tqiegħed monument ta' salib nazjonali tagħhom fl-Imsida. Il-Kunsill qabel li niktbu lill-Komunita u niddiriġuhom illi sabiex dan isir, irid ikun hemm il-permess tal-MEPA.

046. Is-Segretarju ressaq talba mill-Kappilan tal-Parocca sabiex il-Kunsill jagħmel il-*parking bays* quddiem iċ-Centru l-ġdid tal-Parocca, qabel il-ftuħ taċ-Centru f'Settembru 2009. E Brincat issuġerixxa li l-Kunsill jibgħat lill-ħaddiema iżda li ż-żebgħa tiġi provduta mill-Kappilan. Il-Kunsill qabel li jagħmel ix-xogħol mitlub.

047. 1431 – Is-Sindku qara Memo 46/2009. Is-Segretarju informa lill-Kunsill illi l-iskrivani tal-Kunsill ma jixtiequx jaħdmu fil-ġranet tas-Sibt. Is-Segretarju qal li nistgħu xorta waħda nifthu s-Sibt u x-xogħol isir minn Marisa Xerri Demanuele, li qegħda tagħti servizz b'kuntratt għas-servizzi tal-uffiċċju.

048. Is-Sindku qara Memo 47/2009. Il-Kunsill qabel li napplikaw u bħala proġett jitqassmu basktijiet taċ-ċaruta, bieb bieb, lir-residenti.

049. 1519 – Is-Sindku qara Memo 48/2009 dwar Fondi Speċjali għall-Kunsilli Lokali. Is-Segretarju spjega l-inizjattivi li għalihom il-Kunsill jista' japlika. Il-Kunsill

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

qabel li l-Kunsilliera għandhom jibgħatu s-suġġerimenti tagħhom lis-Segretarju, fejn imbagħad għandu jiltaqa l-Kumitat tal-Proġetti sabiex issir l-għażla u tintbgħat l-applikazzjoni. Is-Segretarju fakkar li l-applikazzjonijiet għandhom jaslu d-Dipartiment sal-15 ta' Settembru 2009.

050. Is-Segretarju ressaq kwotazzjonijiet għax-xiri ta' riċipjenti tal-iskart. Il-Kunsill approva il-kwotazzjonijiet.

051. Il-Kunsill issuġġerixxa li jinġiebu kwotazzjonijiet għax-xiri u stallazzjoni ta' CCTV cameras *wireless*.

052. Dr Grima qal biex ikun mgħarraf dwar korrispondenza:

1459 – Is-Segretarju qal li s-Sur David Stubbings huwa s-sid tal-ħanut 'Solo Pizzeria'. Din intbgħatet bi tweġiba għall-ittra li bagħat il-Kunsill sabiex huwa jpoġġi riċipjenti tal-iskart quddiem il-ħanut tiegħu fi Triq ix-Xatt ta' Xbiex. Huwa ikkonferma li ser ipoġġi r-riċipjenti.

1479 – Is-Segretarju qal li din il-korrispondenza hija mill-MEPA, meta dawn bgħatulna l-aħħar parti tal-fondi mill-UIF sabiex jiġi stallat il-Wheelchair Platform.

1274 – Is-Segretarju qal li inqala' inċident fejn persuna ilmentat mal-Kunsill li ħassitha offiża meta allegatament warden irrabja magħha meta tagħha multa. Is-Segretarju qal li t-Tribunal qed jinvestiga il-każ.

1494 – Is-Segretarju qal li hawn l-avukat wieġeb lilu dwar kjarifika fuq il-kuntratt ta' divoluzjoni tal-art fejn ġie mibni iċ-Centru Civiku.

053. M Agius talab kopja tal-korrispondenza b'numri: 1415 u 1306.

054. M Agius saqsa dwar korrispondenza b'numri 1490; 1482; 1477. Is-Segretarju qal li dawn huma residenti li jixtiequ jkunu membri fis-sotto kumitat tas-Swatar.

Punt 4 Stallazjoni ta' *Speed Camera* fil-lokal

055. Is-Sindku propona li tiġi stallata *speed camera* fil-lokal, u saqsa jekk il-Kunsilliera jaqblux ma' dan il-ħsieb u jekk jissuġġerixxux xi post fl-Imsida fejn din għanda tiġi installata viċin ta' triq prinċipali. Il-Kunsill iddiskuta l-materja u qabel li jivverifika kemm tiswa din is-sitema u jara hix vijabli finanzjarjament. Il-Kunsill qabel ukoll li isiru *costings* għal kamera fejn il-Kuleġġ San Martin fis-Swatar.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Punt 5 Laqgħa mal-Onorevoli Dott. Chris Said

056. Dr Grima skuża ruħu li ma setax jattendi wara li l-ħin tal-laqgħa inbidel ħesrem ġurnata qabel.

057. Il-laqgħa ġiet sospiża. Ħin: 19.45pm

058. Il-laqgħa kompliet. Ħin: 19.50pm

059. Is-Segretarju spjega li wieħed mil-punti li ġie diskuss huwa dwar it-titlu tal-art fi Triq l-Irmiġġ, fejn il-Kunsill għandu pjanijiet li jibni ġnien. Is-Segretarju spjega li ġie infurmat mill-Joint Office li l-art hija f'isem l-Awtoritajiet Eklesjastiċi, u li għaldaqstant ma tistax issir divoluzjoni tal-art. C Selvaggi propona li l-Kunsill ikellem lil Vigarju Gouder, u jitkellem miegħu dwar din il-problema.

060. Is-Segretarju qal li l-Kunsill qajjem materji oħra ma Dott. Chris Said fosthom il-proġett ta' quddiem il-Knisja, rimi ta' skart wara l-ħin tal-ġbir, hekk kif ukoll dwar il-possibbilta' ta' esproprijazjoni ta' art mill-Kunsill stess.

Punt 6 *Resurfacing* fi Sqaq Casolani, Sqaq St. Venera u Triq il-Gdida

061. Is-Segretarju qal li hemm €227,845.07 fondi disponibli fil-fond tal-Urban Improvement Fund.

062. Is-Sindku ressaq sabiex minn dawn il-fondi l-Kunsill jagħmel *re-surfacing* ta' Sqaq Casolani, Sqaq St Venera u parti l-gdida fi Triq il-Knsija, peress illi ma jidhirx li dawn ser isiru mill-ADT hekk kif kien imwiegħed. Il-Kunsill qabel.

Punt 7 *Embellishement* fil-ġnien fejn il-Klabb tal-Boċċi

063. Is-Sindku propona li mill-fondi tal-Urban Improvement Fund isir embellishement tal-ġnien li jinsab fejn il-Klabb tal-Boċċi. Il-Kunsill qabel li issir manutenzjoni fid-dwal tal-ġnien, u li ma jsir xejn fuq l-bdil ta' madum fil-ġnien sakemm ikollna d-dettalji f'idejna dwar il-proġett tal-għargħar ta' Triq il-Wied.

064. Il-Kunsill qabel ukoll li jfittex liema dipartiment jista jagħmel restawr tal-kanun fl-istess ġnien.

Punt 8 Gnien fi Triq l-Irmigg

065. Dan il-punt ġie diskuss f'punt 5 ta' din il-laqgħa.

Punt 9 Approvazjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet

066. Is-Sindku ressaq il-lista ta' pagamenti tal-kontijiet K6/Min02 għall-approvazjoni.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

067. C Selvaggi qal li ma hux sodisfatt bix-xogħol tal-ELC u għaldaqstant jixtieq li jinżamm il-pagament.

068. Il-Kunsill qabel li isir meeting mal-Contract Manager Lino Bartolo hekk kif ukoll mal-ELC dwar din il-materja.

069. Il-Kunsill approva l-pagamenti tal-kontijiet minbarra numru 87. Il-lista ġiet iffirmata mis-Sindku, Dr Grima u s-Segretarju Eżekuttiv.

Punt 10 Affarijiet oħra jekk Urġenti

070. Dr Grima propona sabiex fejn ma jkunx hemm kooperazjoni għal ħlasijiet minn kuntratturi skond A.L. 119 tal-2002, il-Kunsill Lokali jipproċċedi legalment billi jintavola mandat ta' inibizjoni kontra l-kuntrattur. Il-Kunsill qabel.

071. C Selvaggi stqarr li r-*railing* ta' madwar il-bandli ma hux joffri sigurta għat-tfal.

072. Dr Grima qal li meta issir manutenzjoni tal-gażebo fl-istess ġnien, din għanda tinbarax u tingħata l-istat oriġinali tagħha mingħajr żebgħa.

073. Is-Sindku qara ittra mibgħuta minn Rachel Aquilina, fejn qed tapplika għal *Maternity u Parental Leave* sal-4 ta'Jannar 2011. Il-Kunsill approva.

074. Is-Sindku ressaq aplikazjoni għal *study leave* ta' tlett gimgħat mis-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill approva.

075. Is-Sindku ressaq il-minuti tal-Kumitat Offerti Publiċi b'riferenzi KLM6/KOP/1/2009 u KLM6/KOP/2/2009. Il-Kumitat qabel li isiru korrezjonijiet fejn fit-tieni laqgħa il-Kunsilliera E Brincat u E Abela kienu skużati. Il-Kunsill iddiskuta t-tenders għall-Manutenzjoni madwar il-lokal u Manutenzjoni tad-dwal tat-toroq. Il-Kunsill qabel li dawn ma jingħatawx peress li ma kienx hemm kompetizjoni biżżejjed fil-ħruġ ta' dan it-tender u għax l-aplikant ma kienx qed jaqdi lil Kunsill fi żmien raġonevoli. Is-Sindku filfatt ressaq korrispondenzi b'numri 1348; 1487; 1506, li huma lmenti min residente fuq id-dewmien biex tiġi rranġata l-funtana fi Triq Victor Denaro, liema tiswija s-Segretarju Eżekuttiv kien ordna għat-tiswija nhar il-21 ta' Lulju 2009 permezz ta' *email*. Il-Kunsill qabel li dawn it-tenders jerġgħu jinħarġu għal pubbliku.

076. E Abela ppropona biex issir sistema ta' sigurta' CCTV fir-reception tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

077. M Agius qal li

- għandu jsir rapport lil Pulizija dwar l-abbuz li qed isir mill-kumpanija AVIS madwar il-Monument tal-Ħaddiem

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

- għandna nitolbu lir-*restoration unit* sabiex isir restawr mal-Knisja tal-Kunċizzjoni
- għandha tinġieb kwotazjoni mid-Dirpartiment tal-Artijiet sabiex il-Kunsill jesproprija l-art fi Triq C De Brockdorff.
- hawn ħafna arbli tal-Enemalta fil-bankini u li dawn ma għadhom ta' l-ebda użu sabiex jitneħħew. Is-Segretarju qal li diġa għamel rapport.lill-Enemalta dwar dan.
- hemm il-bankina imħarbta fil-kantuniera bejn Triq Nazju Ellul u Triq tal-Ħriereb. Is-Segretarju qal li din għanda issir fil-ġimgħat li ġejjin mill-kuntattur li bena il-flats il-ġodda fl-istess kantuniera.
- għandu jiġi stallat dawl fuq il-*bring in site* ta' Triq is-Swatar
- is-Sotto Kumitat għat-traffiku għandu jistudja l-proposti ta' imánġjar tat-traffiku għall-fetha ta' Triq Victor Denaro

078. Dr Grima qal li
- qed jidħol l-ilma tax-xita fil-kantini tar-residenti fi Triq Michele Bellanti
- titnaddaf it-tieqa li hemm fi tmiem Sqaq ix-Xewka
- tiżdied il-ħamrija fil-qasrija ta' fuq net fi Sqaq ix-Xewka
- hemm kuntrattur fi Triq Victor Denaro li ħammeġ it-triq biż-żjut
- hemm karavan fi Triq il-Qawsalla mitluq
- sabiex il-Kunsill jfittex fondi sabiex jistalla *solar panels* fiċ-Centru Civiku.

079. C Selvaggi qal li
- għandhom jiġu rappurtati l-imwejjed li qed jiġu armati fuq il-bankina fi Triq ix-Xatt ta' Xbiex
- fi Triq il-Harrub hemm Un/Loading bay… sabiex il-Kunsill jara jekk hix bil-permess
- qed jitħalla ħafna ħmieġ fi Triq il-Knisja kantuniera ma' Rue D'Argens
- fi Triq l-Irmigg qed ikun hemm ħafna ġrieden

080. Is-Sindku ressaq proposta biex jitnaddfu l-inħawi faċċata tal-Invicta, fi Triq Misraħ il-Barrieri. Il-Kunsill approva kwotazjoni ta' Mizzi Skips għall-valur ta' €2000.

Approvati llum ______________________________

Nutar Clifton Grima
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Eżekuttiv

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com